MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1154/2012

**Illum 14 t' Ottubru 2014**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Diego Grixti**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Diego Grixti**, ta' 26 sena, iben Henry u Francis xebba Pirotta, imwieled Pieta' nhar l-20 ta' Novembru 1985, residenti 31, Triq Sant'Anna, Valletta u detentur ta' Karta ta' l-Identita bin-numru 590685M gie akkuzat talli nhar it-23 t'Ottubru 2012, ġewwa l-Belt Valletta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu  (1164.69) u cioe fuq vettura Hyundai Accent bin-numru RIT 030.

Ukoll talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistgħux jiġu mħassra ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-5 ta` Novembru 2012 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 14 ta' Ottubru 2014, wara l-qari ta` l-akkuzi bil-gurament u waqt l-ezami, saret l-ammissjoni inkondizzjonata minn naha ta` l-imputat, f'liema ammissjoni huwa baqa jippersisti anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss, :

a) il-fedina penali tal-hati li tinsab *a folios 6 sa 12* ta` l-atti;
b) l-ammissjoni tal-hati fi stadju bikri u tali li evita lill-prosekuzzjoni mill-htiega li ttella x-xhieda sabiex jixhdu fil-Qorti u ghalhekk fir-realta` gie evitat il-hela tal-hin prezzjuz tal-prosekuzzjoni, tal-Qorti kif ukoll tax-xhieda. Dan bhala fatt qed jinghata l-piz li ghandu jinghata fil-kontemplazzjoni tal-piena;
c) id-dikjarazzjoni ta` Victoria Cassar ID.370036M, sid il-vettura *de quo*, li hi ma kellhiex aktar interess f’dawn il-proceduri;
d) illi l-hati irid jifhem li jekk jikser il-ligi, irid jiffaccja l-konsegwenzi, u f’dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, l-hati jimmerita li jinghata piena karcerarja. Izda l-Qorti, fid-dawl ta` dak kollu rizultanti, hi tal-fehema li ghandhom jigu applikati l-provvedimenti tas-sentenza sospiza skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **issib lil Diego Grixti hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ta` sitt (6) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lil Diego Grixti, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------